# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 13 ta' Jannar 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**X**

**Y**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **X** ta' sbatax-il (17) sena, iben omissis u omissis, ta' nazzjonalita' omissis, imwieled omissis nhar omissis, u bla residenza fissa u detentur ta' Karta tal-Identità omissis bin-numru personali omissis u l-akkużat **Y** ta' sbatax-il (17) sena, iben omissis u omissis, ta' nazzjonalita' omissis, imwieled omissis u bla residenza fissa u detentur tal-Passaport bin-numru omissis u akkużati talli f'xi ħin bejn is-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00) u l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-istabbiliment *The Gold Market*, San Pawl il-Baħar, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettew serq ta' ġojjellerija u arloġġi u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' The Gold Market u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Din l-Onorabbli Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħataw żmien xieraq sabiex, jekk iridu, jerġgħu lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużati jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li r-reat *de quo* seħħ fil-11 ta' Jannar 2024 fejn xi uffiċjali tal-pulizija, waqt li kienu qed jagħmlu r-ronda tagħhom fi Triq il-Merluzz, San Pawl il-Baħar raw liż-żewġ akkużati telqu jiġru u ġihom suspett fihom. Huma rnexxielhom iwaqqfu lil X filwaqt li Y baqa' sejjer. Waqt li kienu qed ikellmu lil X, huma nnutaw li waqgħatlu

"Price tag" ma' l-art. Sadanittant, il-pulizija rċevew rapport li kienet għadha kemm seħħet serqa minn The Gold Market, f'San Pawl il-Baħar.

X stqarr magħhom illi huma kienu għadhom kemm wettqu serqa minn ġewwa ħanut tad-deheb u li kienu qed jirrisjedu ġewwa Lukanda fil-Qawra. L-uffiċjali tal-pulizija marru jagħmlu tfittxija fil-kamra li kellhom f'dik il-lukanda. Hemmhekk sabu lil Y li tahom id-deheb misruq. Il-Pulizija arrestaw lill-akkużati u ħadulhom stqarrija, fejn ammettew l-involviment tagħhom f'din is-serqa.

Il-Qorti semgħet illi l-oġġetti misruqa ġew ritornati kollha lid-diriġenti ta' "*The Gold Market*".

Illi l-akkużati ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużati kienu fuq btala fil-Gżejjer Maltin u li kellhom jitilqu minn Malta fit-12 ta' Jannar 2024. Il-Qorti tara li persuni li jżuru lil dawn il-Gżejjer għandhom jirrispettaw il-liġijiet ta' Malta u anke l-istituzzjonijiet li hemm fihom. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis ukoll li l-akkużat ammettew l-involviment tagħhom mal-ewwel u anke rritornaw lura l-oġġetti misruqa mal-ewwel.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja hija idonea, din m'għandhiex tkun waħda effettiva u dan anke għaliex iż-żewġ akkużati għadhom qed isegwu kors ta' studji barra minn Malta u din kienet l-ewwel darba li xellfu difrejhom mal-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(ċ) u 279 (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom, qed issib lil **X** u lil **Y** **<u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u tikkundannhom għal piena ta'

sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Mata qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**